KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 03/2024**

Data: l-Erbgħa 27 ta' Awwissu, 2024

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Sur Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sur Izak Catania DeGiovanni | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |

Skużat/i:

Assenti:

| | |
|---|---|
| Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

**03.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**03.2 MINUTI**

03.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

03.4 PURCHASE REQUEST FORMS

03.5 ĦLASIJIET

03.6 FINANZI

03.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

03.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

03.9 JUM IL-FGURA

03.10 KORRISPONDENZA

03.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

03.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

03.13 TRAFFIC MANAGEMENT

03.14 STAFF

03.15 MOZZJONIJIET

03.16 PLANNING AUTHORITY

03.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

03.18 MISTOQSIJIET

03.19 AĠĠORNAMENT

---

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-1800 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien prezenti.

## 03.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**03.1.1** Ma kienx hemm l-ebda talba ta' apologija.

## 03.2 MINUTI

**03.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6842/24/9** 'Sabiex jigu approvati l-minuti tal-laqgha 02/2024 bid-data tal-24 ta' Lulju 2024. Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'8 voti favur u astensjoni. Is-Sindku talab li jitnizzlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns A Tanti, Kuns J Scicluna u Kuns R Ellul.

Astjena – Vici Sindku Darren Marmara.

## 03.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**03.3.1** Ma tqajjem ebda punt f'dan ir-rigward.

## 03.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**03.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6843/24/9** 'Sabiex jigu approvati PRFPO ghal-laqgha tal-Kunsill ta' Awwissu 2024 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'8 voti favur u astensjoni. Is-Sindku talab li jitnizzlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns A Tanti, Kuns J Scicluna u Kuns R Ellul.

Astjena – Vici Sindku Darren Marmara.

## 03.5 ĦLASIJIET

**03.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6844/24/9** 'Sabiex jigu approvati lista tal-hlasijiet minn 18/07/2024 sa 19/08/2024 kif inhu anness.' Is-Sindku ghamel rimarka zghira li ghad hemm Kunsillier nieqes.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'8 voti favur u astensjoni. Is-Sindku talab li jitnizzlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns A Tanti, Kuns J Scicluna u Kuns R Ellul.

Astjena – Vici Sindku Darren Marmara.

## 03.6 FINANZI

**03.6.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 03.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**03.7.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 03.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**03.8.1** Is-Sindku informa lill-Kamra li wasal iz-zmien sabiex dan il-Kunsill jadotta sistema ta' ticekting system ta' Customer Relationship Management (CRM) sabiex l-ilmenti li jidhlu jkunu jistghu jigu segwiti mill-ufficjali tal-Kunsill ghal servizz ahjar. Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **6845/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jadotta sistema ta' ticekting system ta' Customer Relationship Management (CRM). L-irhas offerta hi ta' Wungaro ghall-ispiza tad-development (spiza ta' darba) ta' mhux aktar minn €5841 (Vat inkluza). Bhala manutenzjoni tas-sistema l-spiza hija ta' mhux aktar minn €350 (Vat exkluza) fis-sena.'

Din kienet sekondata mill-Kuns I Catania de Giovanni.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns Ryan Ellul dahal fil-kamra fis-18.13hrs.

**03.8.2** Is-Sindku qal lill-Kamra li hemm bzonn li jinhatar xi hadd biex jaghmel it-tenders. Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **6846/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqa' l-ahjar offerta sabiex jahtar Tenderer lil William Sultana minn The Ladder Consultancy. Kwotazzjoni annessa.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku D Marmara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.8.3** Is-Sindku informa lill-Kamra li hemm bzonn li jinhatar Data Protection Officer. Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **6847/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jahtar Data Protection Officer Angelito Sciberras ghall-spiza ta' mhux aktar minn €3000 (Vat Inkluz).'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku D Marmara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 03.9 JUM IL-FGURA

**03.9.1** Is-Sindku informa l-Kamra li jixtieq jghaddi mozzjoni ghal-Jum il-Fgura ref: **6948/24/9** 'Sabiex isiru c-celebrazzjonijiet ta' Jum il-Fgura bejn it-18 u s-27 ta' Ottubru, skond il-programm

anness, ghal spiza ta' mhux aktar minn €6000, l-abbozz jinkludi servizzi ta' sound, fotografija, reklamar, printing, tokens, kuruni tal-rand, armar, etc'. Adenda Ref DOC A.

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.9.2** Il-Vici Sindku D Marmara ressaq mozzjoni ref: **6849/24/9** 'Sabiex il-harga tal-anzjani tigi nkluza fil-programm Jum il-Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara

Is-Sindku talab li jitnizlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, il-Vici Sindku, Kuns R Deguara, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns A Tanti, Kuns J Scicluna u Kuns R Ellul.

Astjena – Il-Kuns M Lombardo.

**03.9.3** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6850/24/9** 'Sabiex issir bandiera gdida tal-Fgura, biex titella' fil-Pjazza ghal spiza ta' mhux aktar minn €250.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku D Marmara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.9.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6851/24/9** 'Sabiex jinxtraw 10 midalji ta' Hajr il-Fgura, ghal spiza ta' mhux aktar minn €700.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.9.5** Il-Kuns M Lombardo qal li bi preparazzjoni ghal Jum il-Fgura qed isiru rehearsals fis-sala tal-Kunsill allura hemm bzonn ta' partitions. Intqajmet il-mistoqsija dwar min se jarma u min se jzarma dawn il-partitions jekk minflok jinkrew jigu mixtrija. Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6852/24/9** 'Sabiex isir kiri ta' partition ghall-uzu fis-sala tal-Kunsill Lokali, allokazzjoni ta' mhux aktar minn €500.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.9.6** Il-Kuns. Mark Lombardo ressaq dikjarazzjoni li hija annessa mal-minuti

**03.9.7** Il-Vici Sindku ressaq dikjarazzjoni li hija annessa mal-minuti

## 03.10 KORRISPONDENZA

**03.10.1** Is-Sindku informa l-Kamra li gie avvicinat mill-Kuns I Catania de Giovanni rigward l-Award tal-iktar anzjan attiv fil-lokal taghna. Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **6853/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jinnomina lill-Kuns Ray Deguara ghall-premju Anzjanita` Attiva Award.'

Din kienet sekondata mill-Kuns I Catania de Giovanni.

Il-Kuns Ray Degurara talab li jitnizlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, il-Vici Sindku, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns A Tanti, Kuns J Scicluna u Kuns R Ellul.

Astjena – Il-Kuns Ray Deguara.

**03.10.2** Is-Sindku fakkar lill-Kamra dwar l-incident li kien sehh minn persuna li kienet ghaddejja bil-mutur li garrab hsarat minhabba pothole li kien hemm. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat ittra fejn il-Kunsill jibqa' jsostni li din kienet id-decizjoni finali tal-Kunsill li ma jsir l-ebda hlas lill-individwu biex kulhadd ikun trattat l-istess u ma jkunx hemm lok ghal abbuzi.

**03.10.3** Is-Sindku informa lill-Kamra li rcevejna ittra mill-Wasteserv sabiex il-Kunsill jiehu sehem fil-European Week Reduction of Waste. Ghad hemm cans ghal diskussjoni biex forsi jigu inkluzi entitajiet fil-Fgura. Din l-attivita` fost ohrajn ikun hemm xi tip ta' tankijet fejn jintefghu qxur ta' laring u qxur ta' bajd, u dawn jintuzaw biex isiru kompost. Fl-istess hin jitnaqqsu l-boroz tal-organic waste. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6854/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika ghal Attivita' tal-European Week Reduction of Waste li ser issir bejn 16th - 24th Novembru.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.10.4** Is-Sindku ghadda informazzjoni lill-Kamra dwar li qed ikun hemm drones ghaddejjin minhabba xoghol li l-Awtorita` tal-Ippjanar qed taghmel fuq l-area kollha tal-Fgura.

**03.10.5** Is-Sindku informa lill-Kamra li rcevejna korrispondenza minghand il-Junior Science Club. Il-Kuns M Lombardo spjega li diga` saru xi attivitajiet f'lokalitajiet diversi fosthom il-Marsa, Attard, Hal-Lija, Haz-Zebbug, Marsaxlokk fost ohrajn. Hu spjega li f'kull klassi se jkun hemm sittax-il persuna u possibilment se jkun hemm bzonn ta' zewg klassijiet. Din hija ghat-tfal kollha tal-Fgura. Il-klassijiet isiru kull nhar ta' Erbgha u kull nhar ta' Gimgha mill-4:00pm sal-5:15pm. Gie stabbilit li tfal li m'humiex residenti tal-Fgura imma li jattendu l-Iskola tal-Fgura huma eligibbli li japplikaw. Dawn il-klassijiet se jibdew f'Novembru 2024. Il-Kuns M Lombardi ressaq il-mozzjoni ref: **6855/24/9** 'Sabiex jigu allokati 5,000 Euro ghal Junior Science Club, liema flus se jigu riferuti mill-applikazzjonijiet.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.10.6** Il-Kuns M Lombardo ressaq il-mozzjoni ref: **6856/24/9** 'Sabiex jintlaqghu applikazzjonijiet ghal animators ghal perjodu ta' gimghatejn mill-ftuh tal-applikazzjonijiet. L-animators iridu jissodisfaw il-kriterji annessi.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.10.7** Il-Kuns M Lombardo ressaq il-mozzjoni ref: **6857/24/9** 'Sabiex il-Kunsill Lokali jilqa' applikazzjonijiet ghal Junior Science Club minn tfal bejn Kinder 1 sa Year 2 u minn Year 3 sa Year 6, fuq bazi ta' first come first served. Jintlaqghu applikazzjonijiet 16-il tifel u tifla ghall kull kategorija, u skont in-numru ta' animators maghzula.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.10.8** Il-Kuns M Lombardo informa lill-Kamra li galadarba li jidhlu l-applikazzjonijiet tal-animators, dawn se jigu vvettjati mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex jaraw li jissodisfaw il-kriterji, u meta jaslu l-interviews jiehu sehem xi membri tal-Kunsill. Gie enfasizzat il-punt li min se jigi maghzul ikollu l-kriterji kollha mehtiega sabiex ikun kwalifikat biex jiehu hsieb it-tfal minuri. Wara s-short listing, l-ahhar kelma se tkun tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Il-Kuns M Lombardo ressaq il-mozzjoni ref: **6858/24/9** 'Sabiex jinhatar interviewing board ghall-ghazla tal-Junior Science Club animator, li jkun maghmul mis-Sindku, mill-Kunsillier responsabbli ghall-edukazzjoni u minn rapprezentant tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv tkun is-Segretarju tal-Board. Il-Kunsill jitlob certu rekwiziti, partikolarment il-POMA lill-Bord.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns A Tanti, Kuns J Scicluna u Kuns R Ellul.

Astjena – Il-Vici Sindku.

## 03.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**03.11.1** Is-Sindku fakkar lill-Kamra dwar il-Car Free Day. Il-Kunsill applika fuq il-link li kien hemm disponibbli. Id-dati se jkunu mis-16 sat-22 ta' Settembru 2024.

**03.11.2** Is-Sindku fakkar lill-Kamra li peress li l-cleaner telqet, issa hemm il-htiega li jigu ngaggjati zewg part-timers biex ilahhqu mad-domanda tat-tindif anke wara l-5:00pm. Is-Sindku

ressaq il-mozzjoni ref: **6859/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqa' l-ahjar zewg offerti ta' tindif ghall-binja tal-Kunsill fuq bazi part time u skont l-esigenzi tal-Kunsill.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.11.3** Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **6860/24/9** 'Peress li nhasset il-htiega li tizdied l-ghamara disponibbli ghall-amministrazzjoni tal-Kunsill u sabiex l-ghamara tal-ufficcju tal-skrivani tkun kollha l-istess, l-ghamara li kien hemm fl-ufficcju tas-Sindku ittiehdet u ser tkompli tittiehed sabiex tintuza mill-istaff tal-Kunsill. Ghalhekk fic-cirkostanzi ghandha tigi ordnata ghamara gdida ghall-ufficcju tas-Sindku ghall-spiza ta' mhux iktar minn €3,500 u ghandha tintghazel l-irhas offerta.'

Din kienet sekondata mill-Kuns J Scicluna.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.11.4** Is-Sindku informa lill-Kamra li peress li l-ufficcju tieghu se jitbattal mill-ghamara se jkollu bzonn xi manutenzjoni qabel tingieb l-ghamara l-gdida. Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **6861/24/9** 'Sabiex isiru xogholijiet fil-ufficcju tas-Sindku ghal spiza ta' mhux aktar minn €2,141.70 (Vat Inkluza) minghand DGS Group.'

Din kienet sekondata mill-Kuns J Scicluna.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Vici Sindku halla l-kamra fis-19.23hrs.

**03.11.5** Is-Sindku informa lill-Kamra li rcevejna korrispondenza mis-Sa C Higgans biex tahdem bhala studenta tal-MCAST filwaqt li hi qed taghmel Bachelors fil-Business. Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **6862/24/9** 'Sabiex tintlaqa t-talba ta' s-Sa C Higgans biex taghmel 20 siegha bhala studenta tal-MCAST ghal placement fi hdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.11.6** Is-Sindku informa lill-Kamra li se nohorgu kwotazzjoni bis-sistema tal- EPPS biex jigi ngaggjat xufieri fuq bazi ta' contract of service. Id-dmirijiet tax-xufier se jkunu jinkludu xogholijiet ohra bhal hasil tal-vann u ghin fil-qadi tal-ufficcju amministrattiv..

# KUNSILL LOKALI FGURA

## 03.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**03.12.1** Is-Sindku informa lill-Kamra li l-Kuns R Ellul kellu meeting ma' Servizzi Ewropej f'Malta (SME) dwar skemi li jista jipparteċipa l-kunsill. L-unika wahda li kienet ghada mifuha iżda kienet taghalaq fi żmien qasir, kienet dwar gemellagg ma' pajjizi barra minn Malta ma' wahda mill-ghadiet tal-Fgura. Gie ssugerit ukoll li jsir studju u pjanti rigward progetti futuri biex x'hin jasal il-waqt tal-applikazzjoni kollox ikun lest, inkluz l-ispejjez involuti u d-Dipartimenti involuti fi progetti ta' dan it-tip. L-ewwel bhala Kunsill niddentifikaw pjan ghal xiex nixtiequ napplikaw. Se jigi mitkellem il-Perit sabiex ikunu jistghu jsiru l-pjanijiet mehtiega. Il-Kuns C Bonello u l-Kuns R Ellul spjegaw li l-ahjar ikun aktar minn pjan wiehed dan ghaliex malli tohrog skema nkunu nistghu napplikaw li mhux bilfors jaqghu taht il-hidma tal-Perit. Issemma' l-punt ta' eżempju jekk Triq Gallu hijiex se ssir triq pedonali jew le. Isir pjan u jista jkun nibbenifikaw minn xi fond Ewropej meta johrog.

**03.12.2** Is-Sindku informa lill-Kamra li gie mitkellem mad-Dipartiment rigward Slow Streets dwar il-fondi allokati li huma madwar €200,000, sabiex jinbidlu xi toroq f'zoni pedonali. Sabiex ma jintilfux dawn il-fondi peress li slow streets ser isiru minn Infrastructure Malta, il-kunsill talab lil perit jaghmel pjanta ohra. F'din il-pjanta li kienet diġà eżistenti, l-kunsill flimkien mall-perit qablu li jintehha il-out door gym dan ghaliex qieghed wisq go zona residenzjali u jista jkun hemm l-istorbju. Din il-pjanta tikkonsisti f'tisbieh ta' zona b'pjanti u siġar u anke jista jsir gibjun ghal-ilma. Il-Kuns R Ellul ressaq il-mozzjoni ref: **6863/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-pjanta annessa ghar-rigward tal-progett ta' bejn Triq is-Summiena sa Triq is-Sur u Mahatma Gandhi.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.12.3** Is-Sindku informa lill-Kamra x-xewqa tieghu li ma jonqosx l-ammont ta' parking fi Vjal Kottoner. Kulma se jittiehdu huma zewg parking spaces. Gie diskuss l-ahjar mod kif jigi segwit ix-xoghol fi Vjal Kottoner. Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **6864/24/9** 'Sabiex tigi approvata l-pjanta kif annessa ta' Vjal Kottoner bil-kundizzjoni li l-ammont ta' parkegg prezenti ma jonqosx wara li ssir din il-Vjal kif propost. F'dan il-progett irid jigi inkorporat bazi ta' arblu ta' 100 pied li jkollu bandiera ta' 60 x 40 fuq ir-roundabout ta' Vjal Kottoner k/m Triq Nazzareno Farrugia u Triq Bormla.' Il-Kuns Ryan Ellul spjega li l-ftehim kien li x-xoghol isir safejn ir-roundabout minhabba li x-xoghol irid jibda minn fuq u jinzel 'l isfel imbaghad jibda x-xoghol fuq in-naha l-ohra. Ix-xoghol irid isir kif jitolbuna d-Dipartimenti u l-kuntraturi ghaliex meta se jinqala' d-dranagg, se ssir il-medda l-gdida tad-dranagg, iqabbdu minn fuq mal-medda l-gdida, imbaghad jaqilghu isfel.

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

ccP Gwan.

## 03.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**03.13.1** Is-Sindku qed jipproponi li jsir bus shelter ghar-residenti quddiem il-B4 Textiles u tintbaghat komunikazzjoni lill-AKL.

**03.13.2** Il-Kuns C Bonello ressaq il-mozzjoni ref: **6865/24/9** 'Sabiex fl-entraturi kollha ta' Gnien Patri Redent Gauci jsiru tabelli li ma jistax isir tipjip fiz-zona tal-Gnien kif anness.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.13.3** Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **6866/24/9** 'Sabiex isiru sleeping policemen:- Fi Triq l-Iskola k/m Triq il-Karmnu, fi Triq Sant'Antnin k/m Triq San Titu Bransdma. Sabiex ukoll jinbidlu z-zewg sleeping policemen fi Triq Bormla.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.13.4** Is-Sindku informa lill-Kamra dwar komunikazzjoni minn Sinjura li se tiftah Childcare gewwa Triq il-Huttafa, il-Fgura, u xtaqet li jsir ilqugh sabiex it-tfal ma jaqsmux it-triq wara li johrogu mic-Childcare. Is-Sinjura ghandha tikkuntattja lid-Dipartimenti koncernati u wara jsir hadid bhala lqugh.

**03.13.5** Is-Sindku informa lill-Kamra dwar it-talba sabiex isiru bollards hdejn il-Muzew tas-Subien. Ghal issa qed isiru biss bollards maz-zebra crossing. Il-Kuns C Bonello talab informazzjoni dwar il-granet u l-hinijiet tal-ftuh tal-Muzew tal-Bniet.

**03.13.6** Is-Sindku informa lill-Kamra li kellmitna Sinjura minn Triq l-Ghollieq, fejn din ghandha diffikulta` biex tinzel il-bankina ghaliex anzjana. Fiz-zmien kien hemm hadida imma din inqalghet minn xi entita governattiva. Is-Sindku tkellem mar-residenti li joqghodu hdejha u dawn ma jsibu l-ebda oggezzjoni li tintaghmel hadida biex is-Sinjura tkun tista' tinzel il-bankina minghajr periklu. Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **6867/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jaghmel Bollard kif indikat fir-ritratt sabiex is-sinjura tkun tista' tinzel il-bankina b'mod sigur.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.13.7** Is-Sindku fakkar lill-Kamra dwar l-ilmenti li jigu minhabba l-bus shelter fi Triq San Tumas. Is-Sindku qed jipproponi li tinholoq struttura minn mal-hajt bil-perspex biex ikun ilqugh tal-elementi tat-temp. Il-Kunsill se jitlob lill-Perit biex jaghmel disinn ghal dan l-ilqugh. Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **6868/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jaghmel tinda ghal ilqugh mill-elementi tat-temp ghal-istage li jinsab fi Triq San Tumas bl-isem Liedna no 6209.'

C.C.P

Din kienet sekondata mill-Kuns J Scicluna.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.13.8** Il-Kuns C Bonello ressaq il-mozzjoni ref: **6869/24/9** 'Sabiex isir sleeping policeman fi Triq Klerku k/m Triq il-Karmnu.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.13.9** Is-Sindku qara t-talba ta' 2 zebra crossing fi Triq Mahatma Ghandi. Is-Sindku issuġġerixxa biex issir sleeping police mhux zebra crosing ghax jintilfu l-parkeggi. Is-Sindku qal lill-Kuns M Lombardo sabiex jkellem mas-Sinjur biex jara jsibx oggezzjoni li jsir sleeping policeman minflok zebra crossing.

**03.13.10** Is-Sindku qara t-talba ta' sleeping police fi Triq il-Liedna, ma' Triq St Peter u Triq ir-Rihan. Il-Kuns R Ellul qal li din ilha din il-korrispondenza minn Gunju 2023. Is-Sindku talab li r-residenti jiġi mistoqsi jekk isibx diffikultà li ssir quddiemu.

## 03.14 STAFF

**03.14.1** Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Matthew Dalli ghax-xoghol u s-servizz tieghu mal-Kunsill. Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **6870/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jaghti rikonoxximent tas-servizz u l-hidma tieghu lis-Sur Matthew Dalli waqt li nixtieqlu gejjieni mill-isbah ex impjegat tal-Kunsill.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 03.15 MOZZJONIJIET

**03.15.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward

## 03.16 PLANNING AUTHORITY

**03.16.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 03.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**03.17.1** Is-Sindku informa lill-Kunsilliera biex sal-11 ta' Settembru jintbaghat il-pjan ta' hidma rispettiv tal-Kunsilliera kollha ghal dawn il-hames snin li gejjin fuq fgura.lc@gov.mt .

**03.17.2** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna biex taghmel l-intervent taghha. Il-Kuns J Scicluna ressqet il-mozzjoni ref: **6871/24/9** 'Sabiex issir harga Nisa fis-Socjeta' 11 ta' Ottubru 2024. Servizz ta' transport mill-Kunsill Lokali Fgura sal-Birgu filghaxija u lura. Birgu by night. Ghalhekk dan il-Kunsill ghandu jghaddi budget ta' €600 biex jithallas it-transport.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.3** Il-Kuns J Scicluna ressqet il-mozzjoni ref: **6872/24/9** 'Sabiex nhar il-31 ta' Ottubru Laqgha Nisa fis-Socjeta'. Attivita rigward awareness tal-mard tal-cancer fuq in-nisa. Talk u attivita fil-Kunsill. Budget sa €600.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.4** Il-Kuns J Scicluna ressqet il-mozzjoni ref: **6873/24/9** 'Sabiex issir Attivita` Nisa fis-Socjeta' Harga Wellness holistic approach towards nature educational talk, mindfulness session, benefits using hubs. Data s-16 ta' Novembru 2024, is-Sibt wara nofsinhar li l-Kunsill jipprovdi transport ghal harga u sussidju ta' €5.00 ghal kull attendenza. Attivita` budget ta' mhux aktar minn €600.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.5** Il-Kuns J Scicluna ressqet il-mozzjoni ref: **6874/24/9** 'Sabiex issir Attivita` Nisa fis-Socjeta' Attivita Nisa fis-Socjeta' Laqgha fis-sala tal-Kunsill, fid-29 ta' Novembru 2024. Attivita` budget sa €200.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.6** Il-Kuns J Scicluna semmiet li hi flimkien mas-Sindku kellhom laqgha mas-Sur Ivan Pierre Vella mit-Transport Malta fil-11:00am. Prezenti kien hemm is-Sur Mark Vella Bonnici u s-Sur Schembri. Waqt il-laqgha gie msemmi li l-karozzi tal-linja qed jghaddu mimlijin mill-Fgura u n-nies qed jibqghu l-art, specjalment fil-hinijiet ta' filghodu. Il-Fgura hawn 13-il elf ruh abbitant u din is-sitwazzjoni ma tistax tibqa' sejra hekk. Is-Sur Mark Vella Bonnici gab l-argument li l-karozza tal-linja bin-numru 90 li titlaq minn Haz-Zabbar tista' tkun iktar frekwenti. Is-Sindku u l-Kuns J Scicluna ma qablux ma' dan imma jixtiequ karozza tal-linja li titlaq mill-Fgura dirett. Waqt il-laqgha s-Sindku u l-Kuns J Scicluna proponew li peress li l-Fgura m'ghandniex venda, karozza tal-linja vojta tista' tieqaf fuq stage sakemm timtela min-nies tal-post. Irid jigi diskuss

dwar liema bus gate tista' tigi uzata ghal dan il-ghan. Se jkompli jigi diskuss il-punt ta' circular bus. Gie diskuss li n-nies tkellmu li l-access ghall-bus stops huwa 'l boghod. Il-Kuns M Lombardo qajjem il-punt li dawn il-haddiema huma minn Haz-Zabbar u jahdmu mall-Minsitru C Bonett u jista kollhom konflitt ta' interess. Il-Kuns J Scicluna qablet ma dan.

**03.17.7** Is-Sindku stieden lil Kuns Adrian Tanti sabiex jaghmel l-intervet tieghu. Il-Kuns A Tanti ressaq mozzjoni ref :**6875/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill Lokali jorganizza attivitajiet marbuta mal-car free day mis-16 sa 22 ta' Settembru 2024.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.8** Il-Kuns A Tanti ressaq mozzjoni ref :**6876/24/9** 'Sabiex jinstab il-kordinatur tal-attivitajiet marbuta mal-Fgura Car Free Day 2024.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.9** Il-Kuns A Tanti ressaq mozzjoni ref: **6877/24/9** 'Sabiex is-Sur Fabio Spiteri jerga jorganizza kors ta' taghlim tar-roti ghas-sena 2024/2025. Is-Sur Spiteri kellu l-inqas kwotazzjoni ta' €2730 (Vat excluding) total ta' 26 lezzjoni ta' 90 minuta l-wahda.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.10** Il-Kuns A Tanti ressaq mozzjoni ref: **6878/24/9** 'Sabiex jsir cat shelter fi Pjazza Reggie Miller sabiex iservi ta' refugju ghall-qtates ta' triq.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.11** Is-Sindku talab lill-Kuns I Catania de Giovanni jekk l-app ghandhiex tibqa' jew jekk il-Kunsill ghandux iwaqqaf is-servizz tal-app. Il-Kuns I Catania de Giovanni qal li saret laqgha biex tigi diskussa t-ticketing system. Il-Kunsill se jitlob illi jitqabbad l-Avukat tal-Kunsill biex jiccekkja x'hemm fil-kuntratt u nimxu minn hemm.

**03.17.12** Il-Kuns I Catania de Giovanni talab li fi żmien il-Milied jorganizza grupp ta zaghzahgh u jmorru Fairyland il-Belt Valletta. Is-Sindku wieġeb li attività hekk ma tistax issir mill-kunsill dan ghaliex irid ikun hemm sorveljanza minhabba li jkunu ghadhom taht l-eta u anke jekk xi hadd iwegga'. Se jkompli jigi diskuss dal-punt.

**03.17.13** Is-Sindku stieden lil Kuns C Bonello sabiex jaghmel l-intervent tieghu. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6879/24/9** 'Sabiex jinxtraw 10 armchairs godda ghall-mejda tal-Kunsill Lokali.'

Din kienet sekondata mill-Kuns I Catania de Giovanni.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Is-Sindku talab estensjoni ta' kwarta u l-Kunsilliera presenti qablu b'mod unanimu.

**03.17.14** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6880/24/9** 'Sabiex tigi approvata s-somma ta' €2,500 sabiex issir il-Wirja tal-Milied 2024.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.15** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6881/24/9** 'Sabiex isir il-Karnival il-Hadd, 2 ta' Marzu 2025 filghodu gewwa l-Fgura bi spiza inizjali ta' €8,000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.16** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6882/24/9** 'Sabiex fi zmien il-Karnival issir inizjattiva Kulturali ghat-tfal bi spiza ta' €2,000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.17** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6883/24/9** 'Sabiex issir l-attivita Il-Mixeghla f'Hamis ix-Xirka 2025 il-Hamis, 17 ta' April 2025 b'approvazzjoni ta' spiza inizjali ta' €5000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.18** Il-Kuns C Bonello semma li se jsir l-audit tas-sigar ghal Settembru u jekk jista' jkun jintemm dak ix-xhar.

**03.17.19** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **6884/24/9** 'Sabiex jinxtraw zewg mwejjed folding tal-plastic bhalma diga ghandna ghas-somma ta' mhux aktar minn €500. Sabiex jintuzaw ghal waqt Day Centre kif ukoll tmien dvalji (8).'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.20** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6885/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japrova s-somma ta mhux aktar minn €2,000 ghall-hlas ta' servizz ta' crane u fire engine fil-granet tal-festa skond l-invoice annessa.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.21** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6886/24/9** 'Sabiex isir hlas tal-generator, li kien ordnat ghall-Festa, allokazzjoni ta' mhux aktar minn €700.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.22** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: **6887/24/9** 'Sabiex tigi rrangata l-bankina fi Triq il-Pitiross ghall-spiza ta' mhux aktar minn €3000 vat inkluz, in-naha tal-flats tal-Gvern.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.23** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6888/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova is-sotto kumitat tan-nisa fis-socjeta'.

Din kienet sekondata mill-Kuns J Scicluna.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**03.17.24** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6889/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova ir-rapporti ta' progress ta' hidma tal-Kunsilliera.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 03.18 MISTOQSIJIET

**03.18.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 03.19 AĠĠORNAMENT

**03.19.1** Il-laqgħa ntemmet fid-2115hrs.

**Is-**Sindku nforma lil kamra li ser issir Laqgha Pubblika nhra l-Erbgha 25 ta' Settembru fil-1700 sabiex jiġi preżentat il-pjan ta'hidma tal-kunsilliera ghal 5 snin li ġejjien.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha 25 ta' Settembru, 2024 fis-18:00hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data:27 ta' Awwissu, 2024

DOC A.

Wara s-9.1, is-Sur Degiorgio lmenta li l-affarijiet tal-Anġli ma kienux imniżżla fil-Programm ta' Jum il-Ġimgħa. Is-Sindku staqsa lis-Sur Mc Lombardo jekk jaċċettax, u sfortunatament bi wieġeb. Is-Kunsill kien deċieda fil-laqgħa preċedenti.

Kemm ukoll intervjena is-Viċi Sindku, li qal li hemm ukoll pagamenti 7-2, u ~~dawn~~ riesaq mozzjoni, b'interessi personali.